Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5692/25
PV CONS 2
AGRI 33
PECHE 17

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)

27 ta' Jannar 2025

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 5367/1/25 REV 1.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**Lista mhux leġiżlattiva** 5542/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-addendum.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

**3. Programm ta' ħidma tal-Presidenza** [2]
*Preżentazzjoni mill-Presidenza*

Il-President ippreżenta l-Programm ta' Ħidma tal-Presidenza Pollakka dwar is-setturi tal-Agrikoltura u s-Sajd.

AGRIKOLTURA

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**4. Regolament dwar l-infurzar transfruntier kontra prattiki kummerċjali inġusti (UTPs)** ❶ C 16776/24
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni li saret mill-Kummissjoni dwar iż-żewġ proposti leġiżlattivi u kellu skambju ta' fehmiet.

5. **Regolament li jemenda r-Regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel** ❶C 16779/24
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*
*Skambju ta' fehmiet*

Il-punt 5 ġie indirizzat flimkien mal-punt 4.

**<u>Attivitajiet mhux leġiżlattivi</u>**

6. **Reviżjoni meħtieġa tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-prestazzjoni, l-arkitettura ekoloġika u ħtiġijiet oħra ta' simplifikazzjoni** 5544/25 + COR 1
*Informazzjoni mill-Presidenza*
*Skambju ta' fehmiet*

<u>Il-Kunsill</u> ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza kif tinsab fid-dokumenti ta' hawn fuq u tal-kummenti tal-Kummissjoni u kellu skambju ta' fehmiet.

7. Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ 5571/25
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*
*Skambju ta' fehmiet*

**<u>Affarijiet oħra</u>**

8. **<u>Sajd</u>**

a) **Il-ġestjoni tas-sajd fil-Punent tal-Mediterran: azzjonijiet legali u xjentifiċi** 5607/1/25 REV 1
*Informazzjoni minn Spanja, Franza u l-Italja*

<u>Il-Kunsill</u> ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja, Franza u l-Italja dwar il-ħtieġa li jiġu riveduti l-aspetti legali u xjentifiċi tal-Pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran. Ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissarju.

**Agrikoltura**

**b)** **Tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMD) fil-Ġermanja (Brandenburg)** 5574/25
*Informazzjoni mill-Ġermanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja dwar it-tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Ġermanja.

Il-Kunsill ħa wkoll nota tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett, kif ukoll tal-intervent mill-Kummissjoni.

c) Prattiki kummerċjali internazzjonali ġusti għall-bdiewa, b'mod partikolari fir-rigward tat-tolleranzi tal-importazzjoni għar-residwi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti regolati fl-UE 5590/25
*Informazzjoni mil-Lussemburgu, appoġġata mill-Awstrija, il-Bulgarija, Franza, il-Litwanja, is-Slovenja u Spanja*

**d)** **It-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-bdiewa u l-proċessuri organiċi** 5499/25
*Informazzjoni mill-Ġermanja, appoġġata mill-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tan-nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja u kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq u tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

**e)** **Il-ħtieġa li jiġu miġġielda aħjar il-prattiki kummerċjali inġusti u li jiġi evitat l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti minn ċerti atturi fil-katina tal-provvista tal-ikel** 5615/25
*Informazzjoni mis-Slovakkja appoġġata mill-Bulgarija, il-Kroazja, il-Litwanja, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq u tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

f) **Ittra konġunta tal-Ministri MED9 relatata mal-ħtieġa ta' tħejjija u rispons għar-riskji akbar tat-tibdil fil-klima fir-reġjun tal-Mediterran.** [2] 5524/25
*Informazzjoni minn Ċipru f'isem Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, Malta, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Ċipru u kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq. Ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

---

[1] L-ewwel qari

[C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

[2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)